# MINUTI

# LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

# IS-SEBGHA LEGISLATURA 2017

# SEDUTA NUMRU 40 (kontinwazzjoni)

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera, S-Swieqi nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017 fil-17.15

Prezenti:

Noel Muscat - Sindku

Justin Fenech - Vici Sindku (18.00)

Alex Chetcuti - Kunsillier

Alfred Curmi - Kunsillier

Theresa Valentino - Kunsilliera

Mauro Miceli - Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Vince Tanti - Segretarju Ezekuttiv

Skuzati: -

Il-Kunsillier M. Fava informa li kien xoghol u cempel u kiteb li jekk jispicca f'hin jattendi fil-waqt li l-Kunsuillier P.Fenech huwa msiefer u informa minn qabel li ma jistax jattendi.

**Approvazzjoni tal-minuti**

Il-minuti tas-seduta 39 (kontinwazzjoni) gew approvati mill- Kunsillier M. Miceli, u ssekondati milL-Kunsillier M. Abela.

Peress li din il-laqgha kienet it tieni kontinwazzjoni, is-Sindku ma kellu xejn xi jzid mill-punti li semma fis-seduti precedenti.

**Punt mressaq mis-Segretarju Ezekuttiv**

Is-Segretarju Ezekuttiv ta' informazzjoni fuq it-Tender tal-Litter Bins. Il-kwotazzjonijiet li gew pprezentati huma kollha gholjin hafna iktar mill-budget li kellu ghalina il-Ministeru tat-Turizmu. Apparti minn dan gejna mgharrfa mid-DLG li kien hemm ukoll xi dettalji mhux korretti, tant li gejna mitlubin inwaqqaw it-tender. (Ittra mehmusa). Fuq dawn iz-zewgt punti is-Segretarju Ezekuttiv issugerixxa illi t-tender jigi kkancellat. Il-Kunsill approva dan unanimament.

**Punti Mressqa mill-Kunsillier T. Valentino**

Il-Kunsillier T. Valentino regghet irreferiet ghad-dikjarazzjoni fuq Wied Ghomor li tressqet fil-laqgha tal-kunsill precidenti. Sahqet li din hija dikjarazzjoni mportanti li t-tlett kunsilli tas-Swieqi, San Gwann u San Giljan. Is-Sindki ga kienu qablu fuq din id-dikjarazzjoni u tablet ghal qbil bejn il-kunsillieri tas-Swieqi fuqha. Kien hemm maggoranza li qablu ma' din id-dikjarazzjoni.

Tkellmet fuq is-sitwazzjoni ta' Triq il-Kaffis, fejn sid ta' art fit-tarf tat-triq tefa' ammont konsiderevoli terrapin f'*pathway* minghajr permess.

Is-Sindku spjega fuq x'gara minn mindu l-kaz gie ghal attenzjoni tal-kunsill, fuq il-laqghat li kellu mal PA u mas-sid u x'azzjoni ttiehdet. Mil-hin li l-kunsill irrapporta l-Izvilupp li kien qed isir lil-PA Geghlet lis-sid jigbor terrapien zejjed li intefa mal-gemb ta' l-art msemmijja, u s-sid baghtu ghalih il-PA sabiex ikellmuh. Is-Segretarju Ezekuttiv kellu jikteb lill-PA biex jitlob informazzjoni fuq l-andament ta' din il-laqgha.

Il-Kunsillier T. Valentino talbet konferma jekk hux ser jinbidlu l-parking bays fit-tarf ta Triq Il-Qawsalla, fejn hemm il-blat mal-bankina, minn naha sa ohra. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li dawn ser jinbidlu, imma ser isir meta tittiehed decizjoni fuq it-triq tigi One Way, flimkien ma' toroq ohra.

Avzat li irnexxila tigbor bejn 7 jew 8 membri mill-*active agers* biex torganizza kors tal-kompjuter gewwa l-Kunsill.

Fl-ahhar nett, hija staqsiet intbghatitx l-ittra lill-avukata ta' residenta, u lill-Planning Authority fuq li-stand tal-Kunsill fir-rigward tal oggezzjoni tas-Sinjura Flynn, li hija resident, ghal appell mressaq mis-sid ta' Restyle Café li qed jopera bla l-permessi mehtiega. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li dawn intbaghtu.

**Punti Mressqa mil Kunsillier A. Curmi**

Il-Kunsillier A. Curmi saqsa fuq x'progress sar fuq ix-xiri ta-vettura tal-kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li mar ra tlett vannijiet b'seating u spazju ghal ghodda fuq wara bil-prezzijiet ivarjaw bejn €6000 u €7000, second-hand, izda peress li jrid johrog tender jista jaghti l-kas li sakemm johrog it-tender jilhqu jinbieghu. Il-Kunsillieri prezenti kienu tal-fehma li jinxtara vann gdid, jithallas bin nifs u jekk jista jkun electric, jew bi ftit emmissions. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jibda jahdem fuq tender b'dawn li *specifications.*

Fl-assenza ta vici-sindku Justin Fenech, li avza li kien ser jasal naqra tard, il-Kunsillier A. Curmi informa bir-rizultat ta' l-intervisti li saru ghal kariga ta' E xecutive Officer fejn intghazlet is-Sinj. Mandy Portelli Gheiti. Talab il-qbil mill-kunsillieri sabiex tigi nfurmata mill aktar fis. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

Fuq l-istess punt dwar l-assenza tal Vici-Sindku, li huwa wkoll co-editur tal-magazine tal-Kunsill, ressaq ghal mejda li ser jibda jigbor ix-xoghol ghal magazine tal-Kunsill, li jixtieq jippublika ghal nofs Lulju.

Tkellem ukoll fuq id-donazzjoni ta' pittura lill ET President ta'Malta waqt il-laqgha li l-Kunsill kellu mas- Sinjura Coleiro Preca. Staqsa kemm swiet il-pittura, u is-Segretarju Ezekuttiv informa li kiteb lill-Kunsillier P. Fenech, l-artist tal-piturra mghazula ghal prezz. Il-Kunsullier P. Fenech halla din id-decizjoni f'idejn is-Sindku. Is-Sindku ma' accettax dan l-inkarigu u l-Kunsillier P. Fenech irid jghid il-prezz tal-pittura hu stess.

Il-Kunsillier A. Curmi informa lill-Kunsill li peress li ir-rapport fininzjarju ta' l-ewwel tlett xhur ma' kienx lest mill-accountants taghna Mazars, ghar-raguni li l-awdituri damu ma ghalqu l-accounts tas-sena precidneti. Il-Kunsillier A. Curmi issugerixxa li ir-rapport finanzjarju jitpogga ful l-agenda tal-laqgha li jmiss.

Tkellem fuq l-Annual General Meeting tal-lokalita. Peress li harget l-ahbar ta' l-Elezzjoni Generali bikrija gie deciz li l-laqgha ssir fit-22 ta' Junju, fejn fis 6.00 pm tibda tal-Madliena u fis-7.00 tkompli tas-Swieqi. Il-Kunsill irid jinforma r-residenti b'cirkulari bieb bieb, kif ukoll fuq tlett gazzetti u l-Gazzetta tal-Gvern.

Saqsa wkoll biex jinxtraw cushions ghas-siggijiet tal-kunsill ghax huma naqra baxxi. Is-Segretarju informa li ser jahseb biex jixtrihom.

Fl-ahhar nett tkellem fuq il-Berlin Bear li jinsab l-ufficcju tal-kunsill. Ssugerixxa lli jitwahhal barra, vicin l-ghassa u jsir railing madwaru sabiex ma jkunx daqshekk espost ghal vandalizmu. Forsi jigi inawgurat fi-Swieqi Day u jkun mistieden is- Sur William Spiteri, li iddona dan il-figurin lill-Kunsill.

**Punti Mressqa mill-Kunsillier Alex Chetcuti**

Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa sarx xi zvilupp fuq il-proposta tat-trasferiment tas-CCTV Camera min Ibragg/ Pjazza Uqija ghal St. Andrews Road/ Ibragg Road. Is-SE avza li kien ser jitkellem mas-Sur Mallia tal- LESA l-ghada fuq dan il-punt.

Issugerixxa biex mill-aktar fis jitwahhlu r-railings tar-riklamar quddiem tal-pastizzi fi Triq San Andrija ghax dawn jkunu ta' deterrent ghal nies li jiefqu illegalment f'din it-triq principali biex jixtru l-pastizzi. Il-Pulizija ser jaghtu servizz ta' skorta waqt li jkunu qed jehlu dawn il-barriers.

Tkellem ukoll fuq ir-riklami fil kantuniera Sidra/ Qasma, hdejn il-Corner Food Store. Huwa sostna li dawn it-tabelli qed jostakolaw il-vista ta sewwieqa u ghandhom jitnehhew mill-aktar fis. Apparti din, fil-parkegg faccata dawn ir-riklami hemm xi nies li biex jevitaw it-traffic qeghdin jaqsmu minn dan il-parkegg biex jkomplu fi triqthom lejn San Gwann. Dan l-abbuz qed johloq periklu. Tqajmet diskussjoni fuq dan il-punt u ssemma li Triq is-Sidra jehtieg li tigi *one lane,* u s-Sindku tkellem fuq dan u qal li dawn il-problemi reali kollha jitrangaw ga la darba tittiehed azzjoni biex tinfetah Triq il-Gizimin minn ma' Triq il-Qasam.

Il-Kunsillier A. Chetcuti tkellem fuq parking bay fi Triq il-Qasam, quddiem il-barbier. Sostna li dan il-*parking bay* irid jinbidel f'M/C Bay ghax meta tkun hiereg minn Triq Il-Keffa ma tkun tista tara xejn gej minn Triq il-Qasam.

Staqsa fuq il-*parking bays* ta' triq L-Istasija ghax ghadhom ma nbidlux mid-direzzjoni taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv skuza ruhu tad-dewmin, u wieghed li ser jahdem fuqhom.

Il-Kunsillier A.  Chetcuti ssugerixxa li niktbu lill Transport Malta sabiex iwahhlu pilastri homor fi Triq Sant' Andrija sabiex jevitaw nies hiergin minn mill-Greens Supermarket ma jaqsmux dritt ghan-naha l-ohra tat-triq.

Tkellem ukoll fuq zvilupp li nnota li qed jsir f'Wied Ghomor, u mar fuq il-post u ntaqa ma' sid l-art fejn spjegalu li qed jipprova jirranga l-hitan tas-sejjiegh anki sabiex in-nies ma jibqux jidhlu fl-ghalqa tieghu u juzaw il-passagg propju.

Saqsa sarx progress fuq il-*bus shelter* ta' St. Andrews Road, hdejn il-Forex, u is SE wiegeb il llum stess kiteb zewgt ittri lill TM fuq dan.

Il-Kunsillier A. Chetcuti tkellem fit-tul  fuq is-sitwazzjoni ta' periklu li qed joholqu is-sewwieqa tal l-Ecabs kif ukoll sewwieqa ta' ingenji ta' kostruzzjoni fil-pjazza ezatt mal-hrug mill-mini fi Triq is-Swieqi. Huwa ppropona li flimkien mal-Kunsill Lokali ta' San Giljan jipproponu sistema ta'traffic management gdid sabiex jigi kkontrollat dan l-abbuz sfrenat.Il-Kunsuillier M. Miceli sostna, u wera ritratti li gol-parking tal-karozzi ta l-Ecabs ghandhom pompa tal-petrol u saqsa jekk hijiex legali. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jiccekkja.

Huwa staqsa jekk bdewx is-sessjonijiet ta Speech Therapy u is-Segretarju informa li dawn bdew u sejrin tajjeb hafna.

**Punti mressqa mill Kunsillier M. Abela**

Il-Kunsillier M. Abela avzat li saret l-applikazzjoni ghal fondi EU ghal progetti fil-Madliena u li qieghda issir ricerka sabiex nigu notifikati jekk l-artijiet identifikati ghal dawn il-progetti humiex tal-gvern.

Saqsiet saritx l-applikazzjoni ghal speed Cameras ghal Madliena Road. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-applikazzjoni ser tintbghat l-ghada.

Tkellmet ukoll fuq ix-xoghol li qed isir fuq parti gdida ta' triq il-Majjistral. Dan il-progett ha t-tul ghaliex Il- Water Services Corporation u l-Enemalta riedu idahhlu s-servizzi taghhom qabel ma tigi asfaltata t-triq.

Fl-ahhar nett saqsiet biex Triq is-Slielem issir one way.

**Punti mressqa mill-Kunsillier M. Miceli**

Il-Kunsillier M. Miceli avza li saret l-erwwel laqgha hmistax ilu fuq *mobility programme* mill-fondi ta' L-EU. Il-Kunsilli partecipanti gew mitluba jhallsu titjiriet ghal laqghat inizjali u kien hemm ftehim mir-raprezentanti tal-Kunsilli participant I li ma jaqblux ma dan.

Huwa tkellem ukoll fuq Lourdes Lane, fejn semma li saret applikazzjoni ghal-lukanda ta' tmien sulari f'din iz-zona residenzjali. Din tmur kontra il-master plan tal-PA . Is-Sindku staqsa kif il-kunsill ma kienx notifikat b'din l-applikazzjoni u s-Segretarju Ezekuttiv avza li ser jiccekkja u javza .

**Punti mressqa mil-Vici Sindku Justin Fenech**

Il-Vici Sindku informa li is-CCTV Cameras bdew jigu nstallati u jekk kollox imur skond il-pjan jitlestew u jibdew jahdmu sa l-20 ta' Mejju.

Huwa tkellem fuq is-successi li l-ghaqdiet sportivi fis-Swieqi wettqu matul dan li-stagun. Fosthom fil-futbol ir-rebah tat-titli rispettivi ghat-tim tan-nisa u ta' zghazagh, kif ukoll il-hames post mit-tim tal kbar, li anki jista' jfisser promozzjoni ghal l-ewwel divizjoni wkoll peress li l-MFA ghandha kaz pendent li l-ezidu tieghu jista jfisser li tim relegat mill-premier ghal l-ewwel divizjoni jista sahansitra jitlef postu ghat-tielet divizjoni. It-tim tar-Rugby rebah tournament prestiggjuz u t-tim tal volleyball tan-nisa rebah il-promozzjoni wkoll.

L-MFA irrikonoxxiet il-hidma ta Swieqi United b'Award fil MFA Awards night, u hemm ukoll il-hsieb li jkollna wkoll tim tal-Baseball ukoll ghal l-istagun li gej. Storja inkredibbli ta' success fi zmien daqshekk qasir. Il-Kunsillier A.Chetcuti rrakommanda illi naghamlu riceviment biex nonoraw dawn l-isportivi li qed jaghmlu unur ghall- lokalita. Ir-rakommandazzjoni giet approvata unanimament.

**Punti mressqa mil-Vici Sindku Justin Fenechi - ikomplu**

Il-Vici Sindku avza wkoll illi qieghed f'diskussjonijiet sabiex issir open day fl-iskola ta l-isport biex jigi promoted il- futsal. Talab biex din l-open day tigi fininzjata mil-kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv talab ghal xi spejjez ser jkunu involuti ghal din l-attivita.

Il-Laqgha ntemmet fit- 20.25 u giet aggornata b'mod unanimu ghal-15 ta Gunju fl-istess hin.

Noel Muscat — Vince Tanti

Sindku — Segreatrju Ezekuttiv